**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 326/2012**

**Illum: 15 ta' Frar, 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Miriam Caruana**
**(ID 014784(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata Miriam Caruana ta' 26 sena, bint Sally Caruana, imwielda l-Pieta` fl-20 ta' Novembru 1983 u toqghod 22, Triq tal-Karmnu, Valletta detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 014784(M);

Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer fit-3 ta' Settembru 2010 u fix-xhur ta' qabel din id-data:

a) Kellha fil-pussess taghha r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghha;

b) Kellha fil-pussess taghha d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenza jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenza mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) Talli minghajr l-awtorita` legittima dahhlet jew ippruvat iddahhal f'xi parti tal-konfini tal-habs medicina (raza tal-cannabis) li hija medicina perikoluza skond l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, bi ksur tal-Artikolu 7 tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, titratta mal-imputata talli kisret il-kundizzjonijiet ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti, diversament preseduta u datata 12 ta' Novembru 2009, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-Ordni ta' l-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex dan il-kaz jinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputata rregistrat ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha, liema ammissjoni hija kkonfermatha wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatha bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonceditilha zmien biex terga' tikkunsidra t-twegiba taghha u terga' lura minnha.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputata fir-rigward tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha, kif ukoll tal-provi prodotti, il-Qorti ma tistax hlief issibha hatja tal-istess imputazzjonijiet.

Illi ghal fini ta' piena, il-Qorti tqis illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti:

Nhar it-3 ta' Settembru 2010, il-Pulizija tal-Ghassa ta' Rahal Gdid gew infurmati minn WCO 24 Antonia Magro mill-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, illi instabet sustanza suspettata raza tal-*cannabis* fuq vizitatrici ossia l-imputata odjerna li kien ser ikollha vizita ma' prigunier. Mix-xhieda ta' **WCO1 Karen Grech**[1] jirrizulta illi fil-jum in kwistjoni, ghall-habta tal-10.30 a.m., hija giet ordnata biex taghmel tfittxija fuq l-imputata, li kienet marret gewwa l-habs sabiex taghmel vizita lil detenut. Waqt *strip search* fuq l-istess imputata, huma nnutaw xi haga suspettuza fil-parti taghha. L-imputata kkoperat u ghaddiet dan l-oggett lill-gwardjani tal-habs.

Fl-**istqarrija** rilaxxjata minnha fit-3 ta' Settembru 2010, wara li nghatat id-dritt li ma kinitx obbligata li titkellem, izda dak li tghid jista' jingieb bi prova, kif ukoll wara li ghazlet li ma tiehux parir legali qabel l-interrogatorju taghha, l-imputata tikkonferma li dakinhar hija marret il-habs sabiex tara lill-gharus taghha, li kien qieghed jinzamm gewwa Divizjoni 12 u li l-vizita kienet fil-11.00 a.m. Tikkonferma wkoll illi qabel ma nbdiet din il-vizita, saritilha tfittxija mill-gwardjani tal-habs, f'liema tfittxija instabitilha bicca sustanza kannella allegatament raza tal-*cannabis* mohbija fil-parti taghha. Tghid illi sa fejn taf hi, l-gharus taghha la kellu u lanqas ghandu problema ta' droga, li hi ghandha l-vizzju tal-eroina u li l-ahhar li hadet eroina kien f'Marzu 2010 u li apparti l-eroina ma tihux drogi ohrajn. Tghid illi qabel waqfet tiehu l-eroina f'Marzu, hija kienet tixtri nofs gramma eroina kwazi kuljum. L-imputata ssemmi lil persuna li ghaddielha r-raza misjuba fuqha, liema persuna gieli bieghilha l-eroina wkoll. Tghid illi l-kienet l-istess persuna li l-Erbgha ta' qabel, kien staqsiha jekk kinitx lesta li ddahhal ir-raza li nstabet fuqha gewwa l-habs u li ta' dan kien lest jaghtiha gramma eroina, izda peress illi hija qaltlu li kienet *clean*, qalilha li kien lest ihallasha mitt Euro minflok bhala kumpens. Qalet illi din il-persuna qaltilha x'kellha taghmel b'din id-droga u hi, peress illi ghandha tliet itfal u kellha bzonn il-flus, accettat li taghmel dan. Terga' tghid illi hija ma tahsibx li l-gharus taghha kien jaf b'dan kollu.[2] Fl-istess jum, l-imputata kkonfermat din l-istqarrija taghha bil-gurament

[1] A fol. 41 *et seq* tal-process.
[2] L-istqarrija tal-imputata tinsab esebita a fol. 48 *et seq* tal-process.

quddiem il-Magistrat Inkwirenti ai termini tal-Artikolu 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.[3]

Qieset ukoll id-dikjarazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur illi l-imputata ghandha tibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta fil-massimu tieghu.[4]

Qieset ukoll ir-relazzjoni tal-espert **ix-Xjenzat Godwin Sammut**, mil-liema jirrizulta illi fl-estratt mehud mid-dokument moghti lilu ghall-analizi ossia sustanza ta' lewn kannella, instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol* u cioe` sustanza li tigi mill-pjanta tal-*cannabis*. Il-piz ta' din is-sustanza kien ta' <u>3.26 grammi</u> u l-<u>purita` kienet ta' cirka 9%</u>. Ir-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* hija kkontrollata bil-ligi taht it-Taqsima III, Sezzjoni 8 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-waqt illi *Tetrahydrocannabinol* hija kkontrollata bil-ligi taht it-Tielet Skeda, Taqsima A tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta.[5]

Qieset ukoll ix-xhieda tal-**Ufficjal tal-*Probation* Joanna Farrugia**[6] u l-*Pre-Sentencing Report* minnha redatt.[7] Skond l-istess rapport, l-imputata ilha ghal numru ta' snin bil-problema tad-droga u minkejja li ghamlet xi zmien tipprovdi kampjuni tal-urina li rrizultaw fin-negattiv ghal sustanzi illeciti, biss ftit wara li dahlet gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin sabiex tiskonta sentenza, fit-3 ta' Dicembru 2014, kampjun tal-urina rrizulta fil-pozittiv ghall-eroina u *cannabis*. Sussegwentement, kampjun tal-urina tal-imputata rega' nstab pozittiv ghall-eroina u ghalhekk fis-7 ta' Mejju 2015, hija giet trasferita mill-Facilita` Korrettiva ta' Kordin gewwa l-Isptar Monte Karmeli sabiex tircievi l-kura. Hawnhekk jidher li ghamlet progress, tnaqqsitilha d-doza tal-*methadone* u test tal-urina li ttiehed fit-3 ta' Gunju 2015 irrizulta fin-negattiv ghal sustanzi lleciti. Ukoll skond ir-rapport, l-imputata ghandha nuqqas ta' stabbilita` specjalment fil-qasam tal-impjieg u dan fis-sens illi hija tbiddel l-impjieg taghha ta' spiss u m'ghandhiex direzzjoni f'hajjitha. Dan apparti li l-impjiegi taghha generalment ma jkunux regolarizzati u ghalhekk ma jkollhiex sigurta` fix-xoghol. In oltre l-imputata xellfet diffrejha mal-gustizzja diversi drabi u ghalkemm inghatat diversi opportunitajiet mill-qrati sabiex tirrijabilita ruhha, hija baqghet ma gharfitx tisfrutta dawn l-opportunitajiet u baqghet tippersisti f'imgieba refrattarja. F'dan il-kuntest, il-Qorti tinnota l-fedina penali tal-imputata, kif aggornata sa Gunju 2015, li hija wahda refrattarja u tinkludi sitt kundanni dwar tlajjar ghal skopijiet ta' prostituzzjoni, sejbien ta' htija dwar

[3] Ara l-process verbal dwar l-istqarrija guramentata ta' Miriam Caruana, esebit a fol. 27 *et seq* tal-process.
[4] Ara x-xhieda tal-Ispettur Dennis Theuma, a fol. 52 *et seq* tal-process u l-verbali tas-seduti tal-21 ta' April 2015 u tal-15 ta' Lulju 2015, a fol. 63 u 64 u 70 tal-process.
[5] Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 17 *et seq* tal-process.
[6] A fol. 71 *et seq* tal-process.
[7] Dan jinsab esebit a fol. 74 *et seq* tal-process.

pussess semplici ta' droga eroina (fi tliet okkazzjonijiet) u kundanni dwar serq aggravat (f'hames okkazzjonijiet), serq semplici u pussess aggravat tar-raza tal-cannabis. Mill-istess fedina penali jidher ukoll illi l-imputata nghatat xejn inqas minn hames Ordnijiet ta' *Probation*, apparti li giet liberata bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor jew minghajr kundizzjoni f'erba' okkazzjonijiet, inghatat sentenza ta' prigunerija sospiza darbtejn u piena ta prigunerija effettiva f'zewg okkazzjonijiet. Skond ir-rapport tal-Ufficjal tal-*Probation*, jehtieg li l-imputata tindirizza l-problema tad-droga b'mod serju, billi tammetti li ghandha problema, tistabilizza ruhha fid-dinja tax-xoghol u b'dan il-mod, tkun tista' tibda taghraf terfa' r-responsabilita` tal-agir taghha, bil-ghan li tghix hajja stabbli u zzomm il-boghod mill-kriminalita`. Ghaldaqstant gie rrakkomandat illi waqt li tiskonta l-piena ta' prigunerija, l-imputata tigi mghejjuna sabiex tindirizza l-problema ta' droga permezz ta' programm residenzjali.

Il-Qorti qieset ukoll is-serjeta` tal-imputazzjonijiet (a) u (c) (li hija mmarkata bhala (d) fic-*charge sheet* odjerna) u dan stante illi f'dan il-kaz, l-imputata nstabet fil-pussess aggravat tar-raza tal-*cannabis* gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin – post intiz ghar-riforma u r-rijabilitazzjoni tar-residenti tieghu.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qeghda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 fir-rigward tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet u d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 fir-rigward tal-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjonijiet migjuba kontra taghha ossia fir-rigward ta' din l-ahhar imputazzjoni, meta qed titratta mal-imputata dwar ir-reat li tieghu nstabet hatja permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-12 ta' Novembru 2009, li permezz taghha hija giet illiberata bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena mid-data ta' dik is-sentenza.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) u 29 tal-Kapitolu 101, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 260, l-Artikoli 17(f), 17(h) u 31 tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u fir-rigward tal-imputazzjonijiet (a), (b) (li fic-citazzjoni odjerna hija mmarkata bhala imputazzjoni (c)) u (c) (li fic-citazzjoni odjerna hija mmarkata bhala (d)), qed tikkundannaha ghall-piena ta' **ghaxar (10) xhur prigunerija effettiva** u **multa ta' seba' mija u hamsin Euro (€750)**.

In oltre fir-rigward tal-ahhar imputazzjoni, il-Qorti qed titratta mal-hatja dwar l-imputazzjoni li dwarha kienet instabet hatja permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 ta' Novembru 2009 daqs li kieku ghadha kemm giet dikjarata hatja minn jew quddiem din il-Qorti dwar dik l-imputazzjoni u fil-waqt li ghal kull buon fini qeghda tikkonferma l-htija fir-rigward tal-imputazzjoni mertu ta' dik is-sentenza, wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikolu 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, kif ukoll l-Artikolu 17(f) tal-Kapitolu 9, tikkundannaha ghal **piena ta' multa ta' mitejn u hamsin Euro (€250)**.

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-piena ta' multa erogata b'din is-sentenza, li komplessivament tammonta ghas-somma ta' elf Euro (€1,000), tista' tithallas mill-hatja b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament jithallas fi zmien xahar minn meta l-hatja tiskonta l-piena karcerarja li qeghda tigi erogata b'din is-sentenza u ghal dan il-ghan ir-Registratur ghandu jikkonferma din id-data mal-awtoritajiet karcerarji. B'dan illi jekk hija tonqos milli thallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

In oltre ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-hatja ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-esperti mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta, ossia l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut ammontanti ghas-somma ta' mija, erbgha u hamsin Euro u sitta u sebghin centezmu (€154.76) u l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni ta' PS 186 Kristian Mintoff ammontanti ghas-somma ta' sebgha u tletin Euro u tnejn u tmenin centezmu (€37.82), b'kollox ammontanti ghas-somma ta' mija, tnejn u disghin Euro u tmienja u hamsin centezmu (€192.58), liema spejjez ghandhom jithallsu mill-hatja fi zmien sena mil-lum. B'dan illi kemm il-darba hija tonqos milli thallas dan l-ammont fiz-zmien lilha preskritt, kwalunkwe bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita fl-atti tal-inkjesta dwar dan il-kaz, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni. Dan sakemm fi zmien gimgha mil-lum, l-Ufficjal Prosekutur ma jinformax lil din il-Qorti, permezz ta' nota, illi huwa necessarju illi din id-droga tigi prezervata ghal skop ta' xi proceduri ohrajn kontra terzi, b'dan illi

f'dan il-kaz, ir-Registratur ghandu jirrapporta lil din il-Qorti, b'verbal, meta din id-droga tkun giet hekk distrutta.

In oltre il-Qorti tirrileva u tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Habs dwar il-fatt illi huwa ferm importanti illi l-hatja tinghata l-kura u l-ghajnuna kollha necessarja li ghandha bzonn sabiex tirrijabilita ruhha mill-vizzju tad-droga, inkluz jekk ikun necessarju, billi tiskonta din il-piena gewwa l-*Forensic Unit*, fl-Isptar Monte Karmeli.

Il-Qorti qed tordna illi kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Habs.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat